

# LINJI GWIDA

## LINJA GWIDA (UE) 2019/1007 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-7 ta' Ġunju 2019

### li temenda l-Linja Gwida BĊE/2012/13 dwar it-TARGET2-Securities (BĊE/2019/16)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 3.1 u 12.1, u l-Artikoli 17, 18 u 22 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Jannar 2019, il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/166 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/3) <sup>(1)</sup> li waqqaf il-Bord tal-Infrastruttura tas-Suq (MIB) fil-format kurrenti tiegħu. Preċedentement, l-MIB kien iltaqa' f'formati dedikati differenti u l-Bord għall-Programm TARGET2-Securities, li għe stabbilit orġinarjament taħt id-Deċiżjoni BĊE/2012/6 <sup>(2)</sup> li għet imħassra mid-Deċiżjoni (UE) 2019/166 (BĊE/2019/3), kien opera bħala wieħed minn dawn il-formati dedikati. L-MIB, fil-format rivedut tiegħu, huwa l-korp governattiv li jappoġġa lill-Kunsill Governattiv billi jiżgura li s-servizzi ta' infrastruttura tal-Eurosistema jinżammu u jiġu żviluppati ulterjorment u li proġetti li jikkonċernaw s-servizzi ta' infrastruttura tal-Eurosistema huma amministrati f'kull każ skont l-għanijiet tat-Trattat għas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ), il-bżonnijiet tan-negozju tas-SEBĊ, avvanzi teknoloġiċi, il-qafas legali applikabbli għas-servizzi tal-infrastruttura tal-Eurosistema u proġetti kif ukoll rekwiżiti regolatorji u ta' superviżjoni, u b'mod konsistenti mal-mandat ta' kumitat tas-SEBĊ kif stabbilit mill-Kunsill Governattiv skont l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(3)</sup>.
- (2) L-Artikolu 15(1) tal-Linja Gwida BĊE/2012/13 <sup>(4)</sup> jistabbilixxi l-kriterji sabiex depożitorju ċentrali tat-titoli jkun eliġibbli li jaċċessa servizzi tat-TARGET2-Securities, li jinkludi rekwiżit li depożitorju ċentrali tat-titoli għandu jiġi iwwalutat pożittivament mill-awtorità kompetenti fil-konfront tar-Rakkomandazzjonijiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali/tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli dwar is-Sistemi ta' Saldu tat-Titoli. Ir-Rakkomandazzjonijiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali/tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli dwar is-Sistemi ta' Saldu tat-Titoli għew sostitwiti mill-Prinċipji għal Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju tal-Kumitat għall-Pagamenti u l-Infrastrutturi tas-Swieq u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli ddatat April 2012 jew sett ta' rekwiżiti li jimplementaw dawk il-prinċipji, li, per eżempju, fiż-Żona Ekonomika Ewropea, huma implimentati mir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>.
- (3) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2012/13 għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

### Emendi

Il-Linja Gwida BĊE/2012/13 hija emendata kif ġej:

1. ir-referenzi kollha f'kull artikolu għall-"Bord T2S" huma sostitwiti bi "MIB";

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2019/166 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-25 ta' Jannar 2019 dwar il-Bord tal-Infrastruttura tas-Suq u li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2012/6 dwar it-twaqqif tal-Bord għall-Programm TARGET2-Securities (BĊE/2019/3) (ĠU L 32, 4.2.2019, p. 14).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni BĊE/2012/6 tad-29 ta' Marzu 2012 dwar it-twaqqif tal-Bord għall-Programm TARGET2-Securities u li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2009/6 (ĠU L 117, 1.5.2012, p. 13).

<sup>(3)</sup> Kif stipulat fid-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 33).

<sup>(4)</sup> Linja Gwida BĊE/2012/13 tat-18 ta' Lulju 2012 dwar TARGET2-Securities (ĠU L 215, 11.8.2012, p. 19).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

2. fl-Artikolu 2, jitħassar il-punt (18);

3. fl-Artikolu 2, il-punt (26) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(26) ‘Bord tal-Infrastruttura tas-Suq’ jew ‘MIB’ tfisser il-korp ta’ governanza tal-Eurosistema stabbilit skont id-Deċiżjoni (UE) 2019/166 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/3) (\*);

(\*) Deċiżjoni (UE) 2019/166 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-25 ta’ Jannar 2019 dwar il-Bord tal-Infrastruttura tas-Suq u li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2012/6 dwar it-twaqqif tal-Bord għall-Programm TARGET2-Securities (BĊE/2019/3) (ĠU L 32, 4.2.2019, p. 14).”;

4. L-Artikolu 5 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 5

### **Il-Bord tal-Infrastruttura tas-Suq**

Il-kompożizzjoni u l-mandat tal-MIB huma stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2019/166 (BĊE/2019/3). L-MIB għandu jkun inkarigat mill-kompiti assenjati lilu skont id-Deċiżjoni (UE) 2019/166 (BĊE/2019/3).”;

5. fl-Artikolu 15(1), il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(b) ikunu ġew ivvalutati b'mod pożittiv mill-awtoritajiet kompetenti fil-konfront ta’ (i) r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), għal CSDs li jinsabu f’ġurisdizzjoni taż-ŻEE, jew (ii) il-Prinċipji għal Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju tal-Kumitat għall-Pagamenti u l-Infrastrutturi tas-Swieq u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli ddatat April 2012 jew qafas legali li jimplementa dawk il-prinċipji, għal CSDs li jinsabu f’ġurisdizzjoni mhux fiż-ŻEE;

(\*) Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014. p. 1).”.

*Artikolu 2*

### **Effettività**

Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

*Artikolu 3*

### **Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta’ Ġunju 2019.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI